**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8/24

22 ta' Mejju 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm.

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa.

**9.24.1 <u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

8.24.1.1 Ma kienx hemm.

**8.24.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti</u>**

8.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 6.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

8.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Speranza Chircop u sekondati mis-Sa Vincent Bongailas l-minuti ta' seduta 6.24 ġew approvati unanimament.

Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**8.24.2.3 <u>Punti mill-Minuti Preċedenti</u>**

4.24.4.2 **Il-Proġett fi Triq ix-Xewkija u ż-Żona tax-Xewkija, Kalkara**

Ix-xogħolijiet infrastrutturali għaddej b'ritmu tajjeb fiż-żona tax-Xewkija. Is-Sindku qal li bħalissa għaddejjin b'diskussjonijiet mal-GHRC dwar l-ipjannar u t-tqassim tal-postijiet tad-dgħajjes u għalhekk qiegħed jissuġerixxi li jittieħed inventarju ta' dawk is-sidien interessati li japplikaw għaż-żona tax-Xewkija. Biex jagħmel dan l-eżerċizzju, il-Kunsill Lokali ser joħroġ sejħa ta' interess bejn l-aħħar ta' Mejju sa nofs Ġunju 2024 li fiha s-sidien li huma nteressati jkunu jisgħu jissottomettu t-talba tagħhom. B'dan l-eżerċizzju, il-Kunsill Lokali flimkien mal-GHRC ser ikunu f'pożizzjoni li jiddentifikaw u jfassalu l-postijiet skont l-informazzjoni provduta.

Il-Kunsill Lokali għandu jagħmel kull mezz possibbli biex jinforma l-pubbliku b'mod speċjali li dawk is-sidien li għandhom l-irmiġġ tagħhom fid-daħla tal-Kalkara u lill-Kalkariżi b'din is-sejħa ta' interess. Għalhekk ser jitqassmu *flyers* lir-residenti u jittellgħu *posts* fuq il-medja soċjali.

5.24.4.2 **30 Sena Anniversarju minn meta ġie elett l-Ewwel Kunsill Lokali**

Is-Sindku kkonferma illi l-attivita` fil-31 ta' Mejju 2024 mis-7.00pm `il quddiem il-Kunsill Lokali. Filfrattemp huwa ħejja l-lista ta' persuni li servew fil-Kunsill Lokali matul dawn l-aħħar 30 sena u ser jinxtraw *tokens* li ser jingħataw lill-istess persuni li servew fil-Kunsill Lokali. Is-Sindku ser jieħu hsieb il-loġistika ta' din is-serata.

5.24.4.3 **L-Attivita` 'Festa Ħelu'**

Minħabba li kien imbassar maltemp, l-attivita` kellha ssir fit-28 ta' April 2024 ġiet posposta u saret fid-19 ta' Mejju 2024. Is-Sindku jinsab ferm kuntent li din l-attivita` ttellgħet għat-tielet sena konsekuttiva.

**8.24.4** **Kommunikazzjoni mis-Sindku**

6.24.5.2 **Memorandum of Understanding dwar servizz ta' knis ta' toroq**

Is-Sindku ta' aġġornament dwar is-sitwazzjoni tal-knis fil-lokalita` tkellem dwar il-ħaddiema li ġew ipprovduti minn Clean Malta. Ix-xogħol ta' dawn iż-żewġ ħaddiem qiegħed iħalli effett u riżultat tajjeb. Għalhekk fil-jiem li ġejjin ser jiġi ffirmat l-Memorandum of Understanding ma' Clean Malta sabiex il-knis tat-toroq jibqa' jiġi provdut minn din l-entita` tal-Gvern Ċentrali.

8.24.4.1 **Ingawurazzjoni tax-Xatt u l-manutenzjoni tiegħu**

Fis-17 ta' Mejju 2024, il-Prim Ministru ta' Malta, Dr. Robert Abela flimkien mal-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, Sa Miriam Dalli u, il-Kap Eżekuttiv tal-GHRC, is-Sur Gino Cauchi, u s-Sindku tal-Kalkara, is-Sur Wayne Aquilina nawguraw il-proġett tax-Xatt tal-Kalkara.

Is-Sindku rringrazzja l-Kunsill Lokali tax-xogħol u kkontribuzzjoni tiegħu biex setgħa jiġi kkompletat dan il-proġett li fih ta' dehra ġdida u mill-isbaħ lill-Kalkara.

Il-Sindku spjega li l-pass naturali li jmiss huwa ż-żamma u l-manutenzzjoni ta' dan il-proġett. Kif jista' jiġi nnuttat, il-Kunsill Lokali qiegħed jirċievi diversi rapporti dwar vandalizzu bħal ħsarat fuq it-*telephone box*, planti mqaxxta, parkeġġ illegali u storbju kontinwu fb'mod speċjali fil-Misraħ.

Is-Sur Bongailas semma' wkoll li filwaqt li l-*Community Police* qed jagħtu l-assistenza tagħhom sabiex iżommu l-paċi u l-buon ordni, jidher li dan ma huwiex qed ikun biżżejjed minħabba li l-ħin tas-servizz tagħhom huwa limitat.

Is-Sindku informa l-Kunsill li fil-frattemp iltaqa' mal-kommunita` kummerċjali li hemm fil-Misraħ Arċisqof Gonzi bl-għan li jieħu l-opinjoni u u s-suġġerimenti tagħhom għal matul is-Sajf li ġej. Il-maġġorparti tas-sidien ta' dawn il-ħwienet qablu li filgħaxija għandha tingħalaq il-karreġġjata li hemm quddiem il-ħwienet u r-ristoranti biex b'hekk tnaqqas ir-riski ta' xi inċidenti stradali. Madanakollu, is-Sindku wera t-tħassib tiegħu minħabba l-fatt li ser tkun problema biex il-Kunsill jipprovdi persuna sabiex trid tieħu ħsieb il-ftuħ u l-għeluq ta' din it-triq.

Is-Sindku ressaq ukoll il-kwistjoni tal-latrini pubbliki fejn fakkar li f'din il-leġislatura, mis-sena elfejn u għoxrin `il quddiem, dawn il-latrini tneħħew sabiex isir il-proġett tax-xatt. Illum il-ġurnata dawn il-latrini reġgħu nbew mill-ġdid u l-Kunsill Lokali huwa responsabbli manutenzzjoni kif ukoll il-ftuħ, l-għeluq u t-tindif tagħhom. Semma' li huwa qiegħed jieħu ħsieb l-għeluq ta' Ġnejnet iċ-Ċkejken Ziam u għalhekk din is-sitwazzjoni toħloq *committment* tul is-sena kollha.

Apparti minnhekk, kif issemma aktar kmieni, il-Kunsill huwa rinfaċċċat bil-problema tal-istorbju saħansitra b'mod speċjali miċ-ċimbli li hemm fil-bandi.

Is-Sindku rrimarka illi l-Kunslli Lokali tal-Isla kien qabbad persuna probabbli xi uffiċjal tas-sigurta` jew *watchman* biex jikkontrolla t-traffiku fix-Xatt tal-Isla matul is-Sajf. Il-Kunsill Lokali tal-Kalkara jista' jimxi fuq din il-prassi. Il-persuna li tkun ingaġġata tintgħata wkoll ir-responsabbilita` li taghlaq il-latrini pubbliċi u l-bandli, tieħu ħsieb it-traffic management u żżomm l-paċi u l-ordni taż-żona kkonċernata.

Fuq nota differenti, is-Sindku fakkar li għad fadal xi xogħolijiet żgħar bħal tabelli u xi bins oħra x' jitwaħħlu fix-xatt.

Is-Sa Sultana qalet li filwaqt li kulħadd huwa konxju tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali, ssuġġerit illi dan is-servizz għandu jitqabbad għall-filgħaxijiet biss matul il-*weekend.*

Għalhekk il-Kunsill Lokali unanimament qabel li toħroġ sejħa għal dan is-servizz kif ġie diskuss.

8.24.4.2 **Memorandum of Understanding dwar proġett mal-Public Works**

Ġie ffirmat ftehim għal iżjed kollaborazzjoni bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta b'allokazzjoni ta' €10 miljun. Il-Kunsilli Lokali ser ikunu jisgħu japplikaw għall-proġett li jissarfu f'xogħlijiet infrastrutturali fil-lokalitajiet tagħhom, inkluż xogħlijiet ta' manutenzjoni u dawk ta' emerġenza, li minnhom igawdu r-residenti kif ukoll il-pubbliku.

Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali ser jibbenefika minn dawn il-fondi biex isir manutenzzjoni fuq bankini, kurduni u xogħolijiet oħra.

8.24.4.3 **Il-Bajja tar-Rnella matul is-Sajf**

Fis-17 ta' Mejju 2024, is-Sindku kellu l-laqgħa mal-Community Police fejn ġiet diskussa s-sitwazzjoni tal-Bajja tar-Rnella matul is-Sajf li ġej. Bħal kull sena, din il-bajja tattira ħafna nies u għalhekk iġġib magħha ċertu diffikultajiet fosthom parkeġġ ħażin/illegali b'mod speċjali matul il-*weekend.*

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku qiegħed jipproponi li bejn il-15 ta' Ġunju u 15 ta' Settembru l-karreġġjata ta' Triq ir-Rinella tiġi mibdula f'*one way*, u t-traffiku jkun lejn direzzjoni waħda u l-vetturi jinżlu lejn il-bajja u jibqgħu telgħin għat-Triq il-Kanun tal-Mija. B'din il-miżura, ser ittaffi ħafna l-problema ta' parkeġġ kif ukoll tnaqqas il-ġenn u l-konġestjoni li tiġġenera ħdejn il-bajja. Din it-talba ser tiġi kkomunikat lit-Transport Malta.

## 8.24.5 Korrispondenza

### 8.24.5.1 KKR/T/02/2023 – Kuntratt tal-Bulky Refuse & WEEE

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi l-Bord tal-Evalwazzjoni talab l-parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill Lokali dwar kjarifi fuq it-*tender* tal-ġbir ta' skart ġoff li għandu mhux konkluż. L-avukat rrimarka illi matul l-evalwazzjoni tiegħu, irriżulta li kien hemm *administrative oversight* flimkien ma' dewmien żejjed wara li nħarġet is-sejħa tiegħu. Ġie ritenut, illi dan it-tender għandu jiġi kkanċellat u s-sejħa terġa' toħroġ mill-ġdid. L-ittra tal-avukat ser tiġi kkomunikata mal-Bord tal-Evalwazzjoni (kopja annessa u mmarkata bħala Dok 1.

Il-Kunsill Locali unanimament qabel ma' din id-deċiżjoni.

## 8.24.6 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

Ma kienx hemm.

## 8.24.7 Punti Ġenerali

Is-Sur Bongailas ressaq ilment dwar servizz tat-trasport pubbliku speċifikament għall-karozza tal-linja bin-numru 213. Is-Sur Bongailas qal li din ir-rotta tas-6 ta' filgħodu mhux qed tgħaddi mix-Xatt.

Is-Sur Aquilina ressaq il-preokupazzojni tiegħu dwar il-*coaches* li qegħdin jieqfu fil-karreġġjata fit-telgħa tal-Esplora tant li qegħdin ikun ta' periklu għall-vetturi li jkunu għaddejjin minn din it-triq. Is-Sindku ser ikellem lill-Amministrzzjoni tal-Esplora sabiex jinfurmaw lis-sidien ta' dawn il-*coaches* u minflok jibdew jagħmlu użu (bħala parkeġġ temporanju) taħt il-mina li hemm biżwit it-triq. Apparti minn hekk is-Sindku rrimarka wkoll li tul il-ġurnata kollha, vetturi privati qegħdin jieqfu fl-istess triq biex jagħmlu użu tal-ATM li hemm mal-ħajt tal-Esplora. Dawn il-karrozzi qed joħloqu periklu li jista' jikkawża inċidenti stadali.

Is-Sa Chircop resqet ilment minn xi residenti li joqgħodu fi Triq il-Kapuċċini dwar l-*ispeed bumps*. Ir-residenti talbu sabiex dawn l-*ispeed bumps* jitneħħew peress li l-vetturi li jgħaddu minn fuqhom qegħdin jagħmlu ħafna storbju.

Is-Sa Chircop għamlet talba wara li xi residenti li joqgħdu fl-inħawi tal-Esplora qed jinsinwaw li mhux qegħdin isibu parkeġġ għall-vettura tagħhom u għalhekk talbu biex ir-residenti jkollhom aċċess għall-parkeġġ ta-Esplora. Is-Sindku fakkar lis-Sa Chircop li żmien ilu din il-materja kienet ġiet diskussa u ttieħdet deċiżjoni.

### 8.24.8 Mistoqsijiet lis-Sindku

Ma kienx hemm.

### 8.24.9 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm.

### 8.24.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sur Vincent Bongailas ssekondati mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

### 8.24.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Is-seduta ntemmet fis-1.45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar ilt-Tlieta 11 ta' Ġunju 2024, fl-1.00pm wara li is-Sur Bongailas resqet riżoluzzjoni u ssekondata min Maria Sultana biex il-laqgħa tinżamm fil-12.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 11 ta' Ġunju 2024

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**